# IT-TIENI SEZZJONI

## — AWLA KUMMERĊJALI —

---

1 ta' Frar, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., A/*President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giorgio Debono *versus* Giuseppe Pace et. ne.

**"Pools" — Soċjetà — Perit Ġudizzjarju — Relazzjoni Preliminari — Art. 1761 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-"Pools" huma għaqdiet speċjali u "sui generis", li ma jistgħux jiġu normalment kunsidrati bħala veri soċjetajiet biex jiġu regolati mill-liġijiet li jirregolaw is-soċjetajiet.*

*Għaldaqstant normalment ma hix applikabili, fil-każ tal-"Pools", id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi, jekk is-soċi jkunu ftehmu li jħallu f'idejn wieħed minnhom, jew f'idejn wieħed barrani, li jiddeċidi kemm għandhom ikunu l-ishma tal-profitti, din id-deċiżjoni ma tistax tiġi attakkata ħlief fil-każ li tkun bid-deher kontra l-ekwità.*

*Imma jista' jkun hemm ċirkustanzi speċjali li jirrendu applikabili dik id-dispożizzjoni anki għall-"Pools", bi kriterju ta' analoġija bħal ma ġara fil-każ preżenti, fejn l-attur, assoċjat fil-"pool", kien aċċetta li jiġi nominat korp reviżur biex jirrevedi l-allokazzjoni li kienet saret tax-"shares" u kien iddikjara li jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' dak il-korp reviżur. Billi dak il-korp ikkonferma l-allokazzjoni li kienet saret qabel, ġie ritenut li d-deċiżjoni ta' dak il-korp ma setgħetx tiġi attakkata, għaliex ma rriżultax li kienet inikwa.*

*Meta fid-digriet tan-nomina ta' perit ġudizzjarju l-Qorti tordna lill-perit jagħmel rapport preliminari, huwa desiderabili, mill-punto di vista formalistiku, illi l-perit jottempera ruħu mad-direttiva tal-Qorti; imma, billi ma tkunx saret dik ir-relazzjoni preliminari, ir-rapport ma jistax jiġi attakkat, jekk huwa jkun għamel l-indaġini li kellha ssir fir-relazzjoni preliminari, u jekk in-nuqqas tar-*

*relazzjoni preliminari ma jkunx ġieb preġudizzju lill-parti li trid tattakka r-relazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attur ippremetta li huwa jifforma parti minn "The Wholesale Foodstuffs Pool Ltd.", u li dejjem ipprotesta ruħu rigward ix-"shares" li ġew lilu mogħtija fl-imsemmi Pool jew Assoċjazzjoni, għaliex hemm assoċjati li għandhom "shares" iżjed milli jisthoqqilhom, u hemm oħrajn, kompriż hu, li għandhom anqas milli jisthoqqilhom; li fl-20 ta' Frar 1945 inżammet seduta ġenerali l-Borża għad-diskussjoni u approvazzjoni ta' abbozz ta' kuntratt tas-soċjetà, wara li ġiet mibgħuta ċirkolari fl-10 ta' Frar 1945 b'abbozz ta' kuntratt li kellu jiġi diskuss, fejn fl-artikolu 2 hemm li l-kapital għandu jiġi maqsum f'azzjonijiet ta' lira (£1) l-waħda bejn il-partijiet, u hemm miktub fil-korsiv "Jitniżżlu l-ismijiet tal-membri bin-numru ta' l-azzjonijiet ta' kull wieħed"; u fl-imsemmija seduta qamet diskussjoni fuq l-azzjonijiet kif ġew imqassma, billi dawn ġew imqassma kontra l-ġustizzja; illi s-Segretarju tal-Pool, il-konvenut Agius, qal li kien sejjer jiddestina tlitt ijiem li jiġu notifikati lill-assoċjati, b'dana li jekk ma jiffirmawx f'dawn it-tlitt ijiem ma jkunux kunsidrati li jiffurmaw parti mill-Pool jew Assoċjazzjoni; u li huwa u oħrajn iffirmaw il-kuntratt, imma żammew id-dritt li l-azzjonijiet li ġew assenjati jiġu verifikati ħalli jiġu mqassma b'mod ġust u ekwu, u li l-verifika ssir minn nies mhux interessati, kif huwa u oħrajn qalu fil-protest tal-21 ta' Frar 1945; talab li, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, jiġu mqassma x-"shares" ta' l-imsemmi Pool jew Assoċjazzjoni b'mod ġust u ekwu, b'dak il-mod li din il-Qorti jidhrilha fil-ġustizzja u ekwità tagħha, u jiġi lilu assenjati dawk ix-"shares" fl-imsemmi Pool jew Assoċjazzjoni li ħaqqu li jiġu lilu assenjati skond il-ġustizzja u l-ekwità. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest fuq imsemmi tal-24 ta' Frar 1945, kontra l-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-2 ta' Ottubru 1951, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi fil-meritu l-konvenuti u l-kjamati in kawża invokaw l-art. 1427 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-lum art. 1761 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, li jgħid hekk:— "(1) Jekk is-soċji jkunu ftehmu li jħallu f'idejn wieħed minnhom, jew f'idejn wieħed barrani, li jiddeċidi kemm għandhom ikunu dawn l-ishma, din id-deċiżjoni ma tistax tiġi attakkata ħlief fil-każ li tkun bid-deher kontra l-ekwità";

Din id-dispożizzjoni qiegħda taħt it-titolu li jirrigwarda s-soċjetajiet;

Gie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża "Fava vs. Bonnici", 18 ta' Novembru 1946, illi l-"Pools" — kif kien dan il-każ — huma għaqdiet speċjali u "sui generis", u ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala veri soċjetajiet biex jiġu regolati mil-liġijiet li jirregolaw is-soċjetajiet. U verament huwa hekk, għaliex, ġaladarba din ma hix għaqda volontarja, jonqos l-"affectio societatis". Kwindi, normalment, id-dispożizzjoni ta' l-artikolu fuq ċitat, ma kienetx tkun applikabili għall-każ preżenti fejn si tratta ta' "shares" f'Pool;

Iżda f'dan il-każ hemm ċirkustanza speċjali li tirrendi applikabili dik id-dispożizzjoni;

Infatti, mill-provi deher li l-attur, meta "in origine" kienu ġew lilu assenjat tnax-il "share" f'dan il-"Wholesale Foodstuffs Pool", kien ipprotesta, flimkien ma' oħrajn, u allura kien ġie nominat sotto-kumitat biex jirrivedi l-allokazzjoni tax-"shares" ta' dawk li kienu, bħal l-attur, ipprotestaw. Gie mibgħut lill-attur invit biex jattendi quddiem dak il-korp reviżur, u allura l-attur kien għamel dikjarazzjoni bil-miktub fuq dan id-dokument li qiegħed fil-fol. 29 tal-proċess, u li tgħid hekk, minnu ffirmata:— "Niddikjara li jiena sodisfatt u li nirrikmanda ruħi għad-diskrezzjoni tal-kumitat";

Hu ċar li b'din id-dikjarazzjoni l-attur aċċetta li jiddeċidi l-korp reviżur. Dan il-korp, fir-rapport tiegħu moqri fis-seduta tal-Board tad-Diretturi tas-16 ta' Ottubru 1944, ikkonferma l-allokazzjoni tax-"shares" li kienet ġa saret favur l-attur;

Għalhekk hu ovvju li, b'applikazzjoni bi kriterji ta' analoġija, ta' l-artikolu tal-liġi fuq imsemmi, id-deċiżjoni ta' dak il-korp reviżur ma tistax tiġi attakkata ħlief jekk hija

manifestament inikwa. Infatti b'dik id-dikjarazzjoni, aċċettata mill-korp reviżur, l-interessati fil-Pool irrendew applikabili għal din il-kwistjoni dispożizzjoni li ordinarjament tirrigwarda s-soċjetajiet veri u proprji;

Illi l-Qorti ma ssibx li kien hemm xi inikwità għad-dannu ta' l-attur fl-allokazzjoni tax-"shares". Anzi r-relazzjonijiet tat-tekniku adoperat mill-Qorti, sew dik prinċipali fol. 125 kemm dik addizzjonali fol. 164, juru illi l-allokazzjoni saret bi *kriterji li huma konfaċenti għal diskrezzjoni ekwitativa*. Anzi, kif jidher mill-konklużjoni fol. 130, lill-attur ġew bonifikati tliet "shares" żejda..............;

Illi l-attur attakka wkoll il-perizja filli ma sarx rapport preliminari skond kif hemm fid-digriet mogħti minn dik il-Qorti diversament presjeduta, fol. 73. Għalkemm kien desiderabili, mill-punto di vista formalistiku, illi l-perit jottempera ruħu mad-direttiva tal-Qorti, però in sostanza, kif jidher mill-paragrafu 4 fol. 127, il-perit din l-indaġini partikulari għamilha, u rrelata dwarha; u *l-fatt li ma saretx relazzjoni separata xejn ma ppreġudika lill-attur, li ħalla li jsiru l-proċeduri sussegwenti bla xejn ma qal, ħlief proprju issa, fl-aħħar stadju tal-kawża*;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata filmeritu u fil-kap ta' l-ispejjeż, u tiġi konfermata dwar l-eċċezzjonijiet preliminari fuq il-forma, u hekk tiġi milqugħa t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taqbel ma' dik ta' l-ewwel istanza li, in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-appellant, riżultanti mid-dokument fol. 29 tal-proċess, hemm lok ta' l-applikazzjoni, bil-kriterji ta' l-analoġija, tad-dispożizzjoni ta' l-artikolu 1761 tal-Kodiċi Ċivili relattivament għad-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni inkarikata biex tirrivedi x-"shares" ta' dawk li kienu mdaħħlin fil-"Wholesale Foodstuffs Pool". Dik id-deċiżjoni, għalhekk, ma tistax tiġi attakkata jekk ma tirriżultax manifestament inikwa;

Ikkunsidrat;

*Illi mill-provi li saru,* u speċjalment mill-perizja adoperata mill-Ewwel Qorti, l-appellant ma wasalx biex juri li fl-*allokazzjoni tax-"shares"* kollu magħmula ġiet kommessa xi inikwità għad-dannu tiegħu. Fuq dan il-pont hemm ukoll li jiġu adottati l-motivi li jinsabu fis-sentenza appellata, li ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-appell ma jistax jiġi milqugħ, u jisthoqqlu li jiġi miċħud;

*Għaldaqshekk;*

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-2 ta' Ottubru 1951; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.